# TIBDIL SINIFIKANTI FIL-WIRJIET PERMANENTI TAL-MUŻA

# BIEX TINGĦATA ESPERJENZA USA' TAL-ARTI F'MALTA

**Stqarrija I 7 ta' Frar 2025**

Il-galleriji tal-arti fil-MUŻA – Il-Mużew Nazzjonali tal-Arti tal-Komunità bdew jieħdu xejra differenti wara li fl-aħħar ġimgħat beda xogħol ta' tibdil sinifikanti fil-wirjiet permanenti tal-MUŻA, bil-konċentrazzjoni tal-ħidma kienet fuq is-swali tal-ewwel sular. L-għan tal-proġett huwa li tkompli tingħata esperjenza usa' tal-arti f'Malta.

Heritage Malta hija impenjata li l-wirja permanenti tibda timmatura l-kunċett li fost oħrajn ma tħallix artisti Maltin jintesew. It-tibdil ser isir ukoll biex is-sit ikompli jservi ta' tagħlim dwar l-istorja tal-arti f'pajjiżna u ta' dak li jinfluwenzaha. It-tibdil qed ipoġġi f'ordni kronololoġika l-arti minn żmien il-preistorja sas-seklu 21.

Iċ-Chairperson ta' Heritage Malta u d-Direttur tal-MUŻA, Mario Cutajar, qal li "Il-MUŻA għaddejja minn tranżizzjoni li permezz tagħha ser naghtu esperjenza usa' fejn il-viżitatur ser ikun iċ-ċentru tal-ħidma tal-MUŻA. Fl-ewwel fażi tax-xogħlijiet iffukajna mill-arti Preistorika sal-Barokk. Il-ħidma tagħna issa ser tiffoka fuq l-artisti Maltin u nipproċedu sal-fażi kontemporanja. Kull darba li jżur dan is-sit, il-viżitatur ser jara l-MUŻA tevolvi għax ħloqna spazji ġodda, bl-esperjenza ser tieħu lill-viżitatur f'esperjenza dwar l-istorja artistika ta' Malta. Permezz ta' dan il-mużew nemmnu li bl-arti nitkellmu aħjar."

Il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, qal li l-aġenzija ser tibqa' impenjata biex tkompli ssegwi l-aktar xejriet moderni dinjin fil-qasam tal-mużeoloġija. "Fil-prattika dan jissarraf f'li l-focus tas-siti u l-mużewijiet ma jibqax esklussivament fuq il-preżentazzjoni tal-kollezzjoni, iżda jmur fuq il-viżitatur u l-ħtiġijiet speċifiċi tiegħu. Il-mużewijiet u s-siti tagħna qed jingħataw din il-bixra ġdida permezz ta' diversi innovazzjonijiet, fosthom fir-rigward tal-interpretazzjoni, li kulma jmur qed issir inqas akkademika u iktar faċli biex tinftiehem. It-teknoloġija qed tgħinna ħafna wkoll, u bis-saħħa tagħha l-esperjenza tal-viżitatur kulma jmur qed issir dejjem iżjed interattiva u immersiva."

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta